**KUNSILL LOKALI NADUR**

## Minuti tal-Erbgħa u Erbgħin (44) laqgħa tat-tmien (8) Kunsill Lokali tan-Nadur

**L-Erbgħa, 21 ta' Frar, 2018, fl-5:30p.m.**

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Edward Said | Sindku |
| Eucharist Camilleri | Viċi-Sindku |
| Dr. Rita Mifsud | Kunsilliera |
| Dr. Josianne Cutajar | Kunsilliera |
| Sue-Ellen Bugeja | Segretarju Eżekuttiv |

**Skuzat:**

| | |
|---|---|
| Michael Camilleri | Kunsillier |

**Talba:** Il-laqgħa bdiet b'talba.

**44.1**. **Qari tal-ittri ta' l-apoloġiji.**

Kien hemm ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier Michael Camilleri li informa li ma jistax jattendi imma qed jieħu sehem fil-laqgħa permezz ta' 'video conference call'.

**44.2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.**

Il-Minuti tat-Tnejn u Erbgħin (42) laqgħa tal-20 ta' Jannar, 2018 u tat-Tlieta u Erbgħin - Laqgħa b'Urġenza (43) tas-17 ta' Frar ġew ikkoreġuti, approvati, iffirmati u ddikjarati bħala dokument uffiċjali.

**44.3. Komunikazzjoni mis-Sindku u mistoqsijiet mil-Kunsilliera.**

**Zafferana**: Is-Sindku innota li ġie grupp minn Zafferana fosthom is-Sindku. Is-Sindku Edward Said innota ukoll li kien hemm qbil bejnu u bejn is-Sindku ta' Zafferna biex isir gemellagg. Dan il-gemellagg jista jsir mingħajr bzonn ta fondi Ewropej peress li l-irħula qegħdin tant qrib u l-ispejjez m'humiex kbar. Kien hemm qbil li dan il-gemellagg isir f'Novembru 2018 bhala parti mill-

attivitajiet ta'  Jum il-Kunsill, fejn l-ewwel mmorru aħna u imbaghad jiġu huma fl-istess xahar. Gie deċiz ukoll li f'Jum il-Kunsill ikun hemm exhibition fejn isir sejha lil residenti għall-ritratti antiki tan-Nadur. Kien hemm qbil li issir attivita waħda kbira għal dan il-għan minflok ħafna attivitajiet zgħar.

**Charter 2018 (19-23 ta' Lulju, 2018)**: Il-Viċi Sindku Eucharist Camilleri ta update rigward il-preparimenti tac-Charter 2018. Hu informa lil Kunsill li s-sotto Kumitat tac-Charter qed jaħdem ħafna u sa issa ga instabu ħafna accomodations u ser tintbgħat ittra lil residenti kollha tan-Nadur biex jospitaw b'kumpens ta' €8 kuljum. Hu kompla jgħid li ser jiġu diskussi l-kelliema fil-laqgħa li gejja tas-sotto kumitat. Hu innota ukoll li fit-23 ta' Lulju ser ikun hemm fil-programm gurnata Malta u li tkun ħaga sabiħa li l-Kunsill kollu jkun preżenti. Il-Viċi Sindku Eucharist Camilleri informa wkoll li ser issir laqgħa mal-Kumpanija Go plc  ghal talba ta' sponsor.

**Wirja Agrarja**: Is-Sindku innota li kellu laqgħa mal-Onor. Camilleri u ser nibgħatulu proposta bil-miktub dwar l-ghajnuna taghhom ghal Wirja Agrarja.

**Speed Camera:** Is-Segretarja nformat li ser isir rapport mingħand Perit bejn tlett kunsilli li huma Għajnsielem, Fontana u Nadur.

**Board Evalwazzjoni**: Is-Sindku informa li fil-Bord tal-Evalwazzjoni ser jinħatar William Sultana bhala Chairman wara diskussjoni anke mal-Viċi Sindku Eucharist Camilleri. Kien hemm qbil fuq dan.

**Eden 2018 Events gewwa Brussels**- Is-Sindku innota li applikaw is-Segretarja tal-Kunsill u l-Kunsilliera Dr. Josianne Cutajar izda ġejna mitluba biex titla persuna waħda biss. Is-Sindku innota li jekk jiġu aċċettati t-tnejn imorru izda waħda waħedha aħjar le, dan anke wara li tkellem magħhom.

**44.4. Korrispondenza.**

(6093) Ċirkulari AKL 201/020 dwar Permessi ta' Mwejjed u Siggijiet

(6094) Mistoqsija Parlementari Numru 4357

(6095) Ċirkulari AKL 2018/16 dwar Rapport – Sindki u Presidenti Regjonali

(6096) Ċirkulari 2018/18 dwar EA 00007/18 – Extension to an existing tuna farm operation off the coast of Malta

(6097) Ittra mingħand Regjun Għawdex dwar EU-funded project Energy- energy audit

(6098) Ċirkulari AKL 2018/15 dwar MEUSEC u playing fields

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

(6099) Ċirkulari AKL 2018/014 – WiFi4EU Sejha għall- Kunsilli Lokali. Kien hemm qbil li nieħdu sehem.

(6100) Acknowledgment receipt re letter to the Office of the Prime Minister reg. Daħlet Qorrot Bay

(6101) Talba għal strixxi sofor mar-residenza ta’ Familja Cauchi Nru 21A Triq Madonna ta’ Lourdes. Il-Kunsill ta n-no objection u se japplika ma’ TM.

(6102) E mail mingħand DLG rigward Pre-Announcement – Interreg Europe Fourth Call for Project Proposal

(6103) Ċirkulari AKL 2018/012 dwar Collaboration between Local Governments on Citizen Participation

(6104) Ċirkulari AKL 2018/013 dwar Kjarifici rigward l-Assigurazzjoni tas- Sahha u l-Assigurazzjoni ta’ Flus

(6105) Ittra mingħand TM dwar Reserved Parking Bay fil-Pjazza. Il-Kunsill ta n-no objection.

(6106) Ċirkulari AKL 2018/011 – Agenda tal Laqgha tas -Sindki – Is-Sibt, 24 ta’ Marzu 2018

(6107) Ċirkulari Numru 1/2018 (Strategija u Implimentazzjoni ta Policy) – Skema – Korsijiet Lifelong Learning 2018 – 2019. Kien hemm diskussjoni fuq x’korsijiet ghandhom jigu offruti pero is-Sindku nnota li dawn huma ripetizzjoni tas-snin ta’ qabel u anke l-fatt li ahna diga noffru numru ta korsijiet.

(6108) Ċirkulari AKL 2018/008 dwar Inizjattiva MCCF 2018

(6109) E mail mingħand DLG dwar Turkey – Malta

(6110) Ċirkulari AKL 2018/006 dwar Każijiet Pendenti ma l-Awtorita tal-Artijiet

(6111) Ċirkulari Numru 2/2018 dwar Ħatra ta’ Direttur ġdid fid- Divizjoni għall-Gvern Lokali

(6112) Ċirkulari AKL 2018/005 dwar Assigurazzjoni Tal -Flus (29/01/2018 – 28/01/2019)

(6113) Ċirkulari AKL 2018/007 dwar Minuti tal- Laqgħa Tal-Eżekuttiv Nru. 3 u Nru. 4

(6114) Ċirkulari Numru 3/2018 dwar Għeluq tas -Sena Finanzjara 2017

(6115) No Objection in Principle mingħand Lands Authority dwar Daħlet Qorrot

(6116) Direttiva 3 / 2017 – Linji Gwida tal-2017- Templates ta’ Accountant/Accounting technican

(6117) Cirkulari AKL 2018/002 dwar Vizibilita’ lill-Kunsilli Lokali fuq PBS

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

(6118) Ittra mingħand l-Awtorita' tal-Ippjanar dwar Daħlet Qorrot biex isiru barricades u tingħalaq l-parti perikuluza.

(6119) Korrispondenza mingħand ERA dwar- clearance for removal of existing danger at Daħlet Qorrot Bay.

(6120) Ċirkulari SPI2/2018- Il-Lok, l-Aċċessibilita' u Taħriġ dwar l-Automated External Defribrillators (AEDs)

Is-Sindku innota li kellu talba mingħand Gaulitana biex isir Kuncert fin-Nadur. Kien hemm qbil li ma jsirx dan il-Kunċert peress li l-Kunsill għandu attivitajiet oħra ppjanati fosthom ic-Charter 2018.

**44.5. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti.**

Is-Sindku talab li napprovaw Disturbance Allowance għal Saviour Xiberras bhas-sena 2017, liema allowance kienet ga diskussa mad-Dipartiment is-sena ta' qabel, u dan ġie approvat unanimament bl-ammont ta' 5% tal-paga tas-sena 2017.

Is-Segretarja innotat li hemm kont tal-membership tal-GAG bl-ammont ta' 500 euro biex jiġi approvat waqt din il-laqgħa skond Ċirkulari no. 19/2016 u wara jiġi approvat mid-DLG ukoll. Kien hemm qbil mill-Kunsill fuq dan.

Is-Sindku innota li kien hemm kont tal-Perit preċedenti fuq l-applikazzjoni tar-Rural Roads li ser jiġi rivedut mill-Perit għalkemm l-ammont kien dovut lilu bil-ligi.

Is-Sindku innota li ser jagħalqu dawn il-Kuntratti fix-xhur li ġejjin:-

- Lease of Equipment- din l-offerta ser tinħareg f'Mejju u tiġi deċiza f'Gunju.
- Street Sweeping of San Blas area - din l-offerta ser tinħareg f'Gunju u tiġi deċiza f'Lulju.
- Supply of Ready Mix Cement – din l-offerta ser tinħareg f'Mejju, u tiġi deċiza f'Gunju.

Kien hemm xi kontijiet li ma kienux fuq l-iskeda tal-pagamenti li gew approvati. L-iskeda ta' pagamenti ġiet approvata unanimament.

**44.6. Budget 2018 u Quarterly Report Sept-Dec 2017;**

Kien hemm preżenti l-Accountant tal-Kunsill fejn spjegat fit-tul dawn ir-rapporti u rrispondiet numru ta' mistoqsijiet li kellhom l-Kunsilliera preżenti. Wara diskussjoni mal-Accountant dawn ġew approvati minn dawk kollha preżenti.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

## 44.7 Offerta Pubblika

*NLC 27/2017- Service of General Hand Maintenance, Cleaning and Up-keeping for Nadur LC-* Kien hemm zewġ offerti fejn waħda biss kienet konformi, dik ta' Ivan Xuereb bl-ammont ta' €7.58/hr excl. VAT. Din l-offerta ġiet approvata wara li kienet rakommandata mill-Bord ta' l-Evalwazzjoni.

## 44.8. Attivitajiet – Karnival 2018 (post-mortem); Harga Anzjani

***Karnival Organizzat:*** Is-Sindku innota li dan kien suċċess kbir u ma domniex daqs is-sena l-oħra. Il-prezentaturi marru tajjeb ħafna. Rigward il-gruppi kien hemm bizzejjed u sena oħra jkun l-aħjar li jiġi ikkunsidrat li l-programm jibda fis-1.00pm u ma jkunx hemm għalfejn inzidu Maltin fil-programm. Il-Kunsilliera Dr. Josianne Cutajar staqsiet dwar x'gara fil-kaz tal-grupp taz-zfin Labonski, u s-Sindku spjega fit-tul is-sitwazzjoni. Dr. Josianne Cutajar talbet biex nikkunsidrawom għas-snin li ġejjin.

***Karnival Spontanju***: Is-Sindku innota li minkejja li kien hemm maltemp kbir dan kien xorta ta'suċċess kbir. Is-sistema tas-sound tidher li ħadmet u kien hemm feedback pożittiv qawwi. Il-Public Cleanising Department għamlu xogħol tajjeb ħafna fir-rigward tal-indafa. Il-Pulizija faħħru ħafna kif mar l-andament tal-karnival ukoll.

Is-Sindku innota li ġejna awarded il-fondi għal-Karnival 2018 taht Skema Attivitajiet Kulturali bl-ammont ta' 11,000 euro għal kull sena fuq tlett snin. Il-Kunsill ġie informat il-Gimgħa 2 ta' Frar wara nofsinhar u l-ewwel attivita' tal-Karnival kienet il-Ħadd 4 ta' Frar. Is-Sindku innota li din is-sena ġejna mitluba li ikollna risk assessment kif ukoll insurance tal-attivita'u press conference. Peress li ġejna informati wisq qrib l-attivita' dan kien impossibli. Il-Kunsill ser jinforma lid-DLG li dan jista' jiġi ippreparat għal sena oħra u fir-rigward tal-Karnival spontanju l-insurance ma tistax tagħmel insurance għal din l-attivita' spontanja.

***Ħarga Anzjani:*** Is-Sindku innota li l-ħarga ta' Jannar kienet ta' suċċess u issa ser isir waħda għada il-Ħamis fir-raħal ta' Kerċem. Hu kompla jgħid li F'Marzu ser nippruvaw norganizzaw ħarga Malta.

***L-Għid***- Kien hemm qbil li din is-sena jerggħu jitqassmu l-figolli lit-tfal fl-Ghid, jinxtara l-ġablo għaċ-Ċena tal-muzew tas-Subien kif ukoll li jsir id-dawl fil-pjazza u Dicembru 13 mingħand D Illumination. Il-Viċi Sindku fakkar sabiex ngħinu bis-siggijiet għal Gimgħa l-Kbira.

## 44.9. Manutenzjoni ta' Toroq, Proġetti u Xogħol infrastrutturali ieħor, Fondi UIF;

***Triq il-Qortin***: Is-Sindku innota li inħarget l-offerta ta' Triq il-Qortin (fondi tal-MGOZ) u din tagħlaq fil-gimgħat li ġejjin. Rigward il-WSC ma kellniex problemi għax dawn ser jgħaddu biss servizzi tad-djar.

***Triq Zrajk***: Is-Sindku innota li l-Perit qed ilesti l-BOQ u din l-offerta tiġi ippublikata.

***Rural Roads***: Is-Sindku innota li bgħatulna minn (EAFRD) biex inkellmu lil WSC biex naraw jekk iridux li jsir xi xogħol min naħa tagħhom dejjem jekk niġu awarded. Is-Sindku innota li hemm sejħa għal proposti taħt sottomiżura 4.4 ġġib it-titlu ta' *'Investimenti mhux produttivi marbuta mal-ilħuq tal-objettivi agroambjentali u klimatiċi'*. Il-Viċi Sindku Eucharist Camillieri issugerixa li tkun ideja tajba jekk napplikaw fuq l-area ta' Għar Mixta. Kien hemm qbil fuq dan u għandu jiġi diskuss dan mal-Perit tal-kunsill.

***Daħlet Qorrot Cliffs:*** Is-Sindku innota li dan huwa issa kaz magħluq għax issa għandna l-permess tal-ERA u se isir ix-xogħol mill-MGOZ.

***Maintenance Ġonna:*** Is-Sindku innota li minħabba preparazzjoni għac-Charter 2018 se ssir maintenance f'diversi ġonna u playing fields, fosthom zebgħa, trangar ta ħitan tas-sejjieħ. Kien hemm qbil fuq dan.

***UIF Funds:*** Is-Sindku innota li qed nigbru informazzjoni dwar safety mats sabiex nibdlu dawk ta' Ġnien Kunsill u tal-Ħali għax spiccaw, zewg outdoor gym equipment għal Cocco Palmeri kif ukoll għal solar lights f' Daħlet Qorrot. Kien hemm qbil fuq dawn.

***Ħitan Sejjieħ:*** Is-Sindku issugerixxa li jsir ħajt tal-sejjieħ fir-Rock Garden mad-dawra, u Ġnien San Blas man-nizla. Kien hemm qbil fuq dan.

**44.10. Nadur Nadif**

L-Ambaxxatur taz-Zgħazagħ Luke Galea ma kienx preżenti u ma ġie diskuss xejn fuq dan il-punt.

**44.11. Rikjesti u Talbiet mill-Pubbliku;**

Talba mingħand il-Kunsilliera Dr. Josianne Cutajar għal patching fi Triq ix-Xagħri ta' Barbra u Triq Daħlet Qorrot. Is-Sindku innota li Triq Daħlet Qorrot qed issir.

Il-Kunsilliera Dr. Josianne Cutajar staqsiet rigward id-diskussjoni li kienet sehhet is-sena ta' qabel rigward pedestrian area fi Triq Dicembru Tlettax peress illi anke giet avvicinat mir-residenta Toni Ann Costanzo b'xi suggerimenti rigward sinjali tat-traffiku li jkun hemm bzonn isiru. Is-Sindku ta spjega rigward id-diskussjonijiet li kien hemm s'issa u gie deciz li ghal diversi ragunijiet dan il-pjan jitpogga on hold ghalissa.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

Il-Kunsilliera Dr. Josianne Cutajar irringrazzjat lil Ministeru għal Għawdex għal l-għajnuna tagħhom fis-sitwazzjoni li kien hemm Daħlet Qorrot. Is-Sindku nnota li hu diga' kiteb ir-ringrazzjamenti lil kull min għen.

Il-Kunsilliera Dr. Josianne Cutajar għamlet punt rigward il-Karnival spontanju u l-kaz tal-vann. Hi qalet li veru li l-karnival huwa spontanju u ma jfissirx li l-intenzjoni kienet li jwegghu pero qalet li importanti nqajmu awareness rigward il-qasam tas-sahha mentali u issugerit li kieku jkun sew jekk isiru xi tip ta' laqgħat għal pubbliku. Is-Sindku nnota li m'ahniex ser nidħlu fil-kaz innifsu bl-ebda mod, pero dawn it-tip ta' diskussjonijiet dwar is-sahha mentali jistghu anke jsiru f'attivitajiet fil-futur. Kien hemm qbil dwar dan.

44.12. **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa spiċċat fit-19:45p.m. Il-Kunsill qabel li laqgħa oħra ssir nhar l-Erbgħa 14 ta' Marzu fil-5:30p.m

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |